**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 28 ta' Frar 2025

**Il-Pulizija**
**vs**
**Clayton Muscat**
(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0560586M)

**Il-Qorti,**

Rat li Clayton Muscat ta' tmienja u tletin (38) sena, iben Joseph Muscat u Angela nee' Seychell, ta' nazzjonalità Maltija, imwieled nhar it-tlettax (13) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija sitta u tmenin (1986), u residenti ġewwa fond bl-isem ta' Green Farm, Triq Xrobb l-Għaġin, Sqaq Numru 1, Żejtun, Malta, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0560586M, tressaq taħt arrest u f'isem ir-Repubblika ta' Malta ġie akkużat talli:

*Nhar il-25 ta' Frar tas-sena 2025 ġewwa Triq Xrobb 1-Ghaġin, Sqaq Numru 1, ġewwa ż-Żejtun, u kif ukoll ġewwa Birżebbuġa u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:*

*1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi haġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-ħati, u li kieku ġie eżegwit kien ikun dak ta' ħruq volontarju fuq vettura, meta ma kienx hemm ebda persuna hemm ġewwa, u din il-vettura kienet qiegħda b'mod li ma setgħetx tqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor; Artikoli 41(1)(a), 318 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioé' offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Paula Pullicino, hekk kif iċċertifikat mit-tabib Dr Ian Mario Gauci (Med. Reg. Nru. 2486), liema reat huwa aggravat stante li d-delitt sar fuq persuna msemmija fl-artikolu 202(h) ossia persuna oħra li jkollha jew li kellha tarbija komuni mal-ħati u/jew persuna oħra li kienet qiegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet tgħix mal-ħati qabel ma twettaq ir-reat u/jew persuna oħra li kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li u kemm jekk le; Artikoli 214, 215, 221, 222(1)(a) u 202(h)(iv)(v)(vi) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kkawża lil Paula Pullicino biża li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) u liema delitt huwa aggravat stante li ġie mwettaq kontra s-sieħba preżenti jew ta' qabel u/jew id-delitt twettaq fil-preżenza ta' minuri; Artikolu 251(3), tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel lil Paula Pullicino inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi; Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħebb kontra l-persuna ta' Paula Pullicino sabiex jinġurjaha, jdejjaqha, jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor; Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra f'dan il-Kodiċi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Paula Pullicino billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl Artikoli 532A, 532B u/jew 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tapplika l-Artikoli 382, 382A, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali ghas-sigurtà tal-parti leża.

Għaldaqstant filwaqt li l-Uffiċjali Prosekuturi eżebew il-fedina penali u dokument ta' identifikazzjoni tal-imputat, talbu li dan il-każ jigi trattat skond il-liġi.

Rat li l-prosekuzzjoni qabel il-qari tal-akkużi bil-ġurament irtira s-seba (7) akkuża jiġifieri dik dwar l-addebitu tar-reċidiva.

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex din il-kawża tiġi trattata bi proċedura sommarja.

Rat li llum stess wara li l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma l-akkużi, l-imputat ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-imputat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-imputat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta l-akkużi fi stadju bikri tal-proċeduri.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 318, 214, 215, 221, 222(1)(a) u 202(h)(iv)(v)(vi), 251(3), 339(1)(e), 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputat stess il-Qorti ssib lill-imputat Clayton Muscat, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0560586M, ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal żmien erba' (4) snin mil-lum.

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabiltà tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija jew jekk ma jsegwix id-direttiva fuqu imposta a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u dan in segwitu għal dak kontemplat bl-artikolu 28H(8) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ulterjorment tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għal protezzjoni ta' Paula Pullicino liema ordni tkun għal perjodu ta' sentejn (2) skont il-kondizzjonijiet msemmija fid-digriet ta' din il-Qorti tal-lum stess u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

In oltre ai termini ta' l-Artikolu 412D tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament, dwar il-vizzju tad-drogi u alkoħol, u dan għal perijodu ta' sentejn (2) skont il-kundizzjonijiet fid-digriet ta' din il-Qorti tal-lum stess u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza, f'liema żmien huwa għandu joqgħod għar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation li jiġi maħtur mid-Direttur tal-Probation u Parole. Il-Qorti fissret ukoll fi kliem sempliċi lill-ħati l-effetti ta' din l-Ordni.

Il-Qorti finalment tordna l-komunika ta' din is-sentenza u ordnijiet maħruġa llum u li jifformaw parti minnha lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jiġi assenjat Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati, kif ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija. Tordna ukoll in-notifika tal-Ordni ta' Trażżin lill-parti leża.

L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kkontemplata abbażi tal-artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li pprovdiet għal protezzjoni tal-parti

leża bl-applikazzjoni tal artikolu 382A, kif ukoll tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kkontemplata abbażi tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li ma jirriżultax mill-atti proċesswali li ġew maħtura xi esperti jew periti.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------